id-Dejr, ġibed fuqha bl-ixkubetta u qatilha. Hu ħaseb li l-mara ma kenitx sa titkellem, imma hi bdiet teħodha miegħu għax qatel il-ħamiema u qalet lil kull ħadd fuq din il-bluha li kien għamel hu. Tliett ijiem wara, daqs kemm dejjqitu, Għam ħebb għall-mara, u ried isawwatha. Imma hi ħafnet sikkina u waħħlitlu tliett daqqiet biha fi msarnu u ħallietu minxur mejjet hemm.

In-nies ta' Nazaret, ftit Insara u l-ħafna Misilmin li kien hemm, kollha qalu li dak kien għedieb t'Alla, talli Għam qatel il-ħamiema.

FRA PAWL.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# ID-DULURI TAL-KALVARJU

San Ġwann l-Evanġelista kiteb ċar li waqt li Ġesù kien mislub u għiejed imut, Ommu, Marija, kienet wieqfa ħada s-salib tiegħu (San Ġwann, k. XIX, v. 25). Għalhekk ir-Rħieb Franġiskani ta' Ġerusalem, fis-sehem tagħhom mill-kappella li hemm mibnija fuq il-Blata tal-Kalvarju, ma' ġenb ħafna snin ilu, u mogħtija lill-Franġiskani ta' Ġerusalem, bil-għan li titqiegħed fuq dan l-artal.

Meta tħares lejn din id-Duluri u tara l-ġmiel tagħha, ikollok tistqarr li min naqqaxha, kellu jdejh immexxijin minn Alla. Fuq Wiċċha, iżżin u kiebi, jidher ċar l-uġiegħ il-qalb ta'



Il-qasma tal-Franġiskani mill-kappella ta' fuq il-Kalvarju. Jidher ftit mill-artal tad-Duluri, fil-lemin tal-Artal il-kbir (xellug ta' min iħares lejn ir-ritratt).

l-artal tal-Griegi, fejn kien imwaħħal is-salib, waqqfu artal lid-Duluri tal-Madonna.

Taħt dan l-artal, mgħottija b'bozza taż-żġieġ, tidher biċċa mill-Blata Mqaddsa tal-Kalvarju; u fuq dal-artal, minn bdiel inkwatru, hemm niċċa. Ġewwa din-niċċa tinsab sura tal-għewwied, nofs *bust*, tad-Duluri. Din issura kienet maħduma fil-Portugall, omm waqt il-mewt ta' l-Iben Waħdani tagħha. U ħin wieħed jidher ukoll is-sabar li kien xieraq lill-Omm ta' dak l-Iben għax kienet taf li bil-Mewt tiegħu kien sa jeħles mill-jasar tal-għadu lil ulied Adam. Għajnejha miksura, imxarrbin bid-dmugħ, iħarsu filbgħid, donnha għedha taħseb fit-tfulija ħelwa tal-Iben tagħha, u tqisha ma' dak il-waqt tal-imrar. Xuftejha

magħluqin, bħal min ikun iżomm il-biki. Wiċċha jġiegħel lil min jifhem dak il-ħin x'inhi tgħid f'qalbha: "F'iex kelli narak, ja Iben maħbub tiegħi!"

Daqs kemm grazzi jinqalgħu minn min jitlob quddiem din is-sura tad-Duluri (kont sa ngħid: daqs kemm isiru mirakli. Għax x'tgħidilhom ġrajja ta' meta bniedem ikun fl-aħħar nifs ta' ħajtu, u kif niesu jitolbu quddiemha jgħaddi għall-aħjar, u ftit wara jqum mill-friex, ma għandu xejn? Jew ta' meta xi ħadd ikollu l-panni fuq għajnejh, u jkun għoddu għama, u wara li jitlob quddiem din is-sura, il-għilla tgħaddilu u l-panni jmorrulu u jiġi jara daqs min jara ċar?), in-nies ta'



ID-DULURI TAL-KALVARJU jew L-OMM TAL-GĦEĊUBIJIET
kif tissejjaħ għall-grazzji li tagħti, min-nies tal-Palestina.

Ġerusalem laqqmuha u għadhom jgħidulha sal-lum: "Umm el-għaġej-jeb", jiġifieri: *Il-Madonna tal-Mirakli.* Ġewwa Ġerusalem u fl-ibliet u r-rħula tal-qrib, kull min ikollu xi mard, xi diqa, xi tiġrib, jew irid xi grazzja (bħal miżżewġin li ma jkollhomx ulied, u jixtiequ tarbija) tarah ġej il-knisja tal-Qjama, jiġifieri tal-Qawma, għax hekk jgħidulha n-nies ta' hemm lil knisja tal-Qabar ta' Kristu, u jit-lob quddiem din is-sura għażiża. U kemm jistħoqqilha tas-sew dan l-isem, ta' Omm il-għeġubijiet, jidher sew mill-kotra ta' wegħdi li għandha ġew-wa n-niċċa, fuqha u ma' dwarha.

Fost il-wegħdi għandha: spalletta ta' ġeneral tas-suldati (tidher sewwa fir-ritratt, lejn il-lemin ta' min iħares), qlub kbar tad-deheb, slaleb bil-fosos tad-djamanti u tal-brillanti; arloġġi tad-deheb (jidhru tnejn fir-rokna t-taħ-tanija, fil-lemin tar-ritratt, ħdejn il-qalb il-kbir) ħwieten u brazzuletti u sniesel tal-għonq, bla għadd. Medalji ta' nies li kienu f'tiġrib il-mewt fil-gwerra, labar tad-deheb u msielet, ma jsib tarfhom ħadd. Meta tkun qud-diemha, fid-dawl tax-xama', id-dja-menti tarahom jilmu u jiddu donnhom itajjru x-xrar: xrar aħmar u isfar u aħdar u vjola u minn kull lewn. Snin ilu kien jingħad li kellha fuqha, deheb u djamanti, b'kemm jiswew żewġ mil-juni liri. Il-lum, ma għandniex xi ngħidu, wisq aktar minn hekk.

Hawnekk xi ħadd jista' jsaqsi: "Għal fejn dak il-ġid kollu, ma jagħ-mlux xi ħaġa bih? Għax iħalluh hemm, fejn jista' jisteraq?"

Għax il-Palestina, dak li jingħata lil Madonna, għandu jibqa' għand il-Madonna. Jekk mara tagħti par im-sielet lil Madonna, meta tmur il-kni-sja, tieħu t-tfal magħha u tgħidilhom: "Għedin tarawhom dawk l-imsielet? Dawk aħna tajniehomlha l-Madonna." It-tfal jikbru u jiżżewġu u jġibu l-uliedhom, u jagħmlu bħal ommhom. Iġibu t-tfal il-knisja u jgħidulhom "Araw dak il-par imsielet: dak aħna tajniehulha l-Madonna". Hekk ukoll jagħmlu r-rġiel, meta jkunu qalgħu xi ħniena minn għand il-Madonna u tawha b'wegħda xi ħatem jew xi ar-loġġ. Iġibu t-tfal u juruhom il-wegħ-da u jgħidulhom li huma taw dik il-ħaġa, għax qalgħu minn għand il-Ma-donna dan u dan.

Għal hekk, dak li jingħata lil Ma-donna jeħtieġ jibqa' hemm fejn jid-her, għand il-Madonna. Għax jekk timtess xi ħaġa, min tahielha, irid jaf x'sar minnha, u hemmek in-nies ma-lajr jingħaqdu, u jista' jinqala' għawġ kbir.

Il-Madonna, minn dik is-sura Mbier-ka tagħti dawk il-grazzi kollha, għax hemm fuq il-Blata tal-Kalvarju, kie-net fl-aqwa tal-istaħqiq jew *merti* tagħ-ha. U dan kull ħadd jista' jifhmu ma-lajr. Għax xi tbatija morali jista' qatt ikollha omm, aktar milli tara għiejed jinqatel mill-għedewwa tiegħu l-iben tagħha waħdani u maħbub? Saqsi lil xi omm xi tħoss jekk tara lil binha jmut, imqar ġewwa darha, fuq sodda ratba, imdawwar bil-qraba u l-ħbieb u mogħti kull għajnuna! Aħ-seb u ara x'ħasset Marija, Omm Ġesù, meta rat lil binha imsammar bl-imsie-mer, imbiċċer bis-swat, imgħajjar minn min jobogħdu, għiejed imut fuq is-salib!

Għalhekk, naħseb jien, li l-Madon-na, minn hemm, fuq il-Blata tal-Kal-varju, tagħti grazzi bil-kotra u b'ħeffa kbira. Għax hemm, fuq dik il-Blata, saret il-milja tal-ħażna tal-merti tagħha.

V. C.